**20 ta' Jannar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras

## Kwerela - Dritt ta' Appell tal-parti leża - *Press Act*

*F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jekk quddiem l-Ewwel Qorti l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija Esekuttiva, nonostante li r-reat kien wieħed li jeħtieġ il-kwerela tal-parti leża, jekk hemm dritt ta' appell dan jispetta biss lill-Avukat Ġenerali u mhux lit-tali parti leża, proprju għax ma baqax parti fil-kawża.*

*Meta l-leġislatur qed jitkellem dwar "stampat b'tipi tipografiċi"* ('printed in typographical characters"), *fit-test Ingliż) (fl-Att Dwar l-Istampa - Kap. 248) l-enfasi mhix fuq il-proċess tipografiku iżda fuq ir-riżultat li wieħed jara stampat quddiemu, jiġifieri li jara r-riżultat bħalma jħallu t-tipi li jintużaw fil-proċess tipografiku. Jekk il-proċess ikunx dak tipografiku klassiku (*"composing type and printing from it", Collins English Dictionary, "v. typography"*), jew proċess jew sistema, sia mekkanika kif ukoll elttronika jew kombinazzjoni tat-tnejn, li tagħti riżultat finali simili għal dak tipografiku (bħal, per eżempju,* phototypesetting, *l-użu ta'* typewriter, *l-użu ta'* printer *tal-kompjuter, diversi forom ta'* offset printing*) hu rrelevanti.*

*Jekk, mill-banda l-oħra, l-ittra saret bit-*typewriter, *din ukoll tammonta għal kitba stampata b'tipi tipografiċi.*

*Għar-rekwiżit tal-pubblikazzjoni msemmi fil-Kap. 248, stampat jiġi ppubblikat anke jekk jiġi kkomunikat jew imgħarraf lil persuna waħda.*

*Fejn il-liġi riedet li ċerti pubblikazzjonijiet jew komunikazzjonijiet ikunu privileġġjati fis-sens li ebda azzjoni ma tkun tista' tittieħed dwarhom, dan qalitu espressament.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras talli f'dawn il-Gżejjer, permezz ta' ittra ddatata 3 ta' Mejju, 1994 miktuba minn Dr. Joseph Schembri LL.D. fuq inkarigu tagħhom taw malafama lill-Ispettur Paul Bond meta attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu jew jespnouh għar-ridokolu u disprezz u dana bi ksur ta' l-artikoli 3 u 10 tal-Kap. 248, liema ittra kienet indirizzata lill-Prim Ministru;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-21 ta' Frar, 1996 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Joseph u Maria Lourdes, konjuġi Sciberras, ħatja ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u, wara li rat l-artikoli 3, 11 u 32 tal-Kap. 248, ikkundannathom għall-multa ta' ħamsin lira (Lm50) kull wieħed u waħda;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras minnhom ippreżentat fl-1 ta' Marzu, 1996, li bih talbu r-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan b'risposta għar-rikors ta' appell; rat li l-appellanti u d-difensur tagħhom baqgħu ma għamlux in-nota, biex jindikaw li riedu jżidu xi ħaġa mar-rikors tagħhom, entro t-terminu stabbilit fil-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Novembru, 1996, ċjoe` sas-6 ta' Jannar, 1997; ikkunsidrat:

Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji ta' l-appellanti, il-Qorti tħossha fid-dover tirrimarka li ma tistax tifhem kif f'din il-kawża ngħatat sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Simon Bonaci)** *vs* **Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras** minflok fl-ismijiet **Spttur Paul Bond** *vs*

**Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras**. Din kienet kawża ta' libell, fuq il-kwerela tal-parti leża u li, kif jidher mill-komparixxi nbdiet b'taħrika ta' kawża privata. Skond il-liġi - artikolu 31 tal-Kap. 248 u artikoli 373 u 374 tal-Kodiċi Kriminali - il-prosekuzzjoni kellha titmexxa, kif effettivament jidher li tmexxiet, mill-kwerelant b'mod li l-Pulizija Esekuttiva ma kinitx parti fil-kawża. Il-fatt li fis-sentenza appellata ġiet indikata *bħala* parti *l-Pulizija* Esekuttiva minflok il-kwerelant seta' joħloq problemi li kieku l-istess kwerelant ried jappella. Għal kull buon fini l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha tas-6 ta' Diċembru, 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija** *vs* **Philippa Farrugia**. Fil-każ odjern l-appellanti (kwerelati) mhumiex jilmentaw minn dan id-difett;

L-ewwel żewġ aggravji ta' l-appellanti jistgħu jiġu sintetizzati hekk: ma kinitx applikabbli l-liġi ta' l-istampa (Kap. 248) għax (1) ma kienx hemm "stampat" fis-sens ta' din il-liġi u (ii) u ma kienx hemm anqas "pubblikazzjoni" fis-sens ta' l-imsemmija liġi. L-appellanti jikkontendu li:

"Jekk l-iskop (ta' l-ittra) huwa għal ċirkolazzjoni japplika l-*Press Act*, jekk l-iskop mhuwiex għal ċirkolazzjoni u jkun jidher ċar li d-dokument ossia komunikazzjoni hija privata, allura l-*Press Act* ma japplikax u minflok japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali ... il-kriterju korrett li bih għandha tiġi determinata l-kwistjoni ta' liema liġi għandha tapplika huwa dak imsemmi fuq, ċjoe' li wieħed iħares lejn l-iskop tal-kitba, jekk saritx biex tiġi ċirkolata ossia mxandra *imqar għal darba waħda biss. Rapport uffiċjali lill-Prim* Ministru ma jammontax għal ċirkolazzjoni jew pubblikazzjoni";

Fil-każ in diżamina dak li ġara kien li avukat kiteb ittra "b'inkarigu tas-Sur Joseph Sciberras u ta' martu Maria Lourdes" lill-Prim Ministru li fiha ngħad, *inter alia*, illi:

"... il-klijenti tiegħi jallegaw ukoll illi l-Ispetter Paul Bond qal lil din il-persuna "Aqbad gaffa u mur għamel mnejn tgħaddi";

u dana fil-kuntest ta' kwistjoni dwar biċċa art, b'mod għalhekk li qed jingħad jew jiġi insinwat li l-Ispettur Bond qal jew ħeġġeġ lil dik il-persuna, li kellha l-kwistjoni mal-konjuġi Sciberras, biex tieħu l-liġi b'idejha flok ma tirrikorri għand l-awtoritajiet kompetenti. L-ittra mhix miktuba bl-idejn u jew saret b'*typewriter* jew bi *printer* ta' kompjuter - peress li ġiet esebita biss fotokopja ta' din l-ittra, mhux ċar jekk saritx mod jew ieħor, għalkemm jidher li x'aktarx li saret bil-kompjuter minħabba r-*right-justification* tat-test. L-appellanti, kif ingħad, jikkontendu li din l-ittra ma kinitx tammonta għal "stampat", iżda, se mai, għal "kitba" fis-sens ta' l-artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti ma taqbilx. Skond l-artikolu 2 tal-Kap. 248: "stampat" tfisser, fost ħwejjeġ oħra:

"... kull kitba stampata <u>b'tipi tipografiċi</u> jew bil-litografija jew <u>b'mezzi jew proċessi oħra bħal dawn</u> fuq karta jew sustanza oħra ..." (sottolinear tal-Qorti);

Fil-fehma tal-Qorti, meta l-leġislatur qed jitkellem dwar "stampat <u>b'tipi</u> tipografiċi" ("*printed in typographical <u>characters</u>*", fit-test Ingliż) l-enfasi mhix fuq il-<u>proċess</u> tipografiku iżda fuq ir-riżultat li wieħed jara stampat quddiemu, jiġifieri li jara r-riżultat bħalma jħallu t-tipi li jintużaw fil-proċess tipografiku. *Jekk il-<u>proċess</u> ikunx dak tipografiku* klassiku ("*composing type and printing from it*", Collins English Dictionary, "*v. typography*"), jew proċess jew sistema, sia mekkanika kif ukoll elettronika jew kombinazzjoni tat-tnejn, li tagħti riżultat finali simili għal dak tipografiku (bħal, per eżempju, *phototypesetting*, l-użu ta' *typewriter*, l-użu ta' *printer* tal-kompjuter, diversi forom ta' *offset printing*) hu rrelevanti.

Kif ingħad, l-ittra in kwistjoni (a fol. 3 tal-proċess) jidher li ġiet stampata bil-kompjuter b'tipi tipografiċi u għalhekk tikkwalifika bħala "stampat" għall-finijiet tal-Kap. 248. Għal din il-konklużjoni jidher ukoll li waslet għaliha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Mejju, 1991, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Joseph M. Ciappara** *vs* **Joseph Zammit** u li għaliha għamlet referenza ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jekk, mill-banda l-oħra, l-ittra saret bit-*typewriter*, din ukoll tammonta għal kitba stampata b'tipi tipografiċi (ara f'dan is-sens ukoll, għalkemm taħt l-allura Kap. 117, is-sentenza tal-Qorti Kriminali li kienet allura tisma' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati) tat-18 ta' Marzu, 1961 fl-ismijiet **Tabib Dottor Henry Copperstone** *et al vs* **Publio Schembri**);

Kwantu għar-rekwiżit tal-pubblikazzjoni, l-imsemmi artikolu 2 tal-Kap. 248 jiddefinixxi pubblikazzjoni bħala li tfissser:

"Kull att li bih kull stampat jiġi jew jista' jiġi kkomunikat jew imgħarraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immaġini viżwali jiġu mxandra";

L-appellanti jikkontendu li l-ittra kienet "komunikazzjoni uffiċjali ta' natura privata" mibgħuta minnhom lill-kap tal-Gvern u li ma kinitx għall-finijiet ta' jekk hemmx "pubblikazzjoni" fis-sens tal-Kap. 248. Stampat jiġi ppubblikat anke jekk jiġi kkomunikat jew imgħarraf lil persuna <u>waħda</u>. Għalhekk fetaħx l-ittra l-Prim Ministru personalment jew xi membru tas-segretarjat tiegħu hi ukoll konsiderazzjoni rrelevanti ġaladarba l-fatti malafamanti ma kinux qed jiġu attribwiti lill-Prim Ministru. Fejn il-liġi riedet li ċerti pubblikazzjonijiet jew komunikazzjonijiet ikunu privileġġati fis-sens li ebda azzjoni ma tkun tista' tittieħed dwarhom, dan

qalitu espressament - ara l-artikolu 33 tal-Kap. 248 u l-artikolu 18 ta' l-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (Kap. 326). L-ittra in kwistjoni ma taqa' taħt ebda waħda minn dawn id-disposizzjonijiet u ma ġiet indikata mill-appellanti ebda disposizzjoni oħra li b'xi mod tkopri bi privileġġ l-ittra tagħhom. Għalhekk l-ewwel żewġ aggravji qed jiġu respinti;

Aggravju ieħor ta' l-appellanti hu fis-sens li jeżisti dubbju dwar jekk l-appellant Joseph Sciberras insistiex ma' l-avukat li tinkiteb l-ittra in kwistjoni, u dana peress li fis-sentenza appellata jingħad li meta l-konjuġi Sciberras marru għand l-avukat tagħhom "*it-tnejn, jew il-mara, insistew miegħu biex* jikteb l-ittra lill-Onorevoli Prim Ministru" (sottolinear ta' din il-Qorti). Pero' mill-istqarrija ta' l-appellant Joseph Sciberras (fol. 11), li ma ġiet b'ebda mod kontradetta, jirriżulta ċar li l-ittra ntbagħtet fuq talba kemm tiegħu kif ukoll ta' martu;

L-aħħar aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li huma jikkontendu li huwa veru li l-Ispettur Bond qal id-diskors imsemmi fl-ittra. Issa, apparti li dana l-aggravju jirriduċi ruħu għal wieħed ta' apprezzament ta' kredibbilita' - u din il-Qorti ma tara *ebda raġuni għala għandha tiddisturba kwalsiasi* apprezzament magħmul f'dan ir-rigward mill-Ewwel Qorti - dana l-aggravju ma jistax jiġi kkunsidrat f'dana l-istadju peress li l-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti ma tawx l-eċċezzjoni tal-verita' tal-fatti fit-termini ta' l-artikolu 12 tal-Kap. 248;

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---